# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S. – AGENT PRESIDENT**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**
**ONOR. ALBERT MAGRI B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 23 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 1**

**Rikors Nru. 659/98**

**Maria Rosa Tabone**

**vs**

**(1) Avukat Generali u**

**(2) Marianna Sciberras, Carmelo Bugeja, Pawla Borg, Maria Bugeja, Filomena Muscat, Carmela Attard, Georgia Borg, Francesca Vella, Francis Bugeja, Anthony Bugeja, John Bugeja, Carmel Bugeja, Filippu Bonnici, Guzeppi Bonnici u Dr. Michael Grech nominat b'digriet tat-28 ta' Marzu 1995 biex jirraprezenta lill-imsefrin Salvu Bugeja, Maria Farrugia, Guzeppa Cassar u Carmela Rapa u b'digriet ta' din il-Qorti datat 17 ta' Mejju 2000, stante l-mewt tal-intimat Carmelo Bugeja fil-mori tal-kawza, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Filomena Bugeja u Maria Assunta Spiteri bhala werrieta tal-intimat Carmelo Bugeja.**

**Il-Qorti;**

**PRELIMINARI**

1. Ir-rikorrenti Maria Rosa Tabone pprezentat rikors fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn talbet li tinghata rimedju fit-termini tal-Kap. 319 tal-Konvenzjoni Ewropeja billi tiddikjara li l-art. 814 tal-Kap. 12 dwar ir-ritrattazzjoni, meta jithaddem ma' l-art. 811 (i) jilledi d-drittijiet taghha u , kwindi, is-smiegh ta' talba ghal ritrattazzjoni mill-istess Imhallfin li kienu ddecidew sentenza tas-27 ta' Jannar 1997 jivvjola wkoll id-dritt fondamentali taghha kif sancit mill-art, 6 (1) tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319.

2. Illi t-talba surreferita saret wara li r-rikorrenti Tabone kienet intavolat talba ghal ritrattazzjoni fil-Qorti ta' l-Appell.

B'digriet taghha tas-7 ta' Ottubru 1997, l-Qorti ta' l-Appell kienet cahdet eccezzjoni ta' rikuza ta' l-Imhallfin.

3. B'sentenza taghha tal-4 ta' Marzu 1999, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili cahdet l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-Avukat Generali fejn kien eccepixxa li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili ma kenitx kompetenti biex tiehu konjizzjoni ta' talba biex tigi impunjata decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell stane li dan jivvjola l-principju bazilari tal-gerarkija bejn il-Qrati li a bazi tieghu huma l-Qrati tat-tieni istanza li jistghu jirrevedu d-decizjonijiet tal-Qrati ta' l-ewwel istanza u mhux il-kontra.

4. B'sentenza ulterjuri moghtija fit-30 ta' Mejju 2000, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza finalment u dana billi:-

(a) Iddikjarat li l-art. 814 tal-Kap 12 fejn jinghad "u jistghu joqghodu l-istess Imhallfin jew Magistrati" in kwantu jirreferu ghall-kaz ta' ritrattazzjoni ta' kawza illi "fis-sentenza jkun hemm disposizzjonijiet kontra xulxin" imsemmija fil-paragrafu (i) ta' l-art. 811 tal-Kap. 12, hija inkonsistenti ma' dak li jiddisponi l-art. 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja;

(b) Konsegwentement ordnat li l-kawza ta' ritrattazzjoni fl-ismijiet "Marianna Sciberras et – vs- Maria Rosa Tabone" ipprezentata quddiem il-Qorti ta' l-Appell fil-11 ta' Frar 1997 (li marret sine die fis-16 ta' Novembru 1998 pendenti l-ezitu ta' dan ir-rikors) tigi riappuntata, trattata u deciza minn tlett Imhallfin li ma jkunux iddecidew is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell deciza fis-27 ta' Jannar 1997 (Citaz numru 26/93), u liema sentenza qeghda tigi attakkata bl-imsemmija talba ghar-ritrattazzjoni;

(c) Irrevokat u ddikjarat nulli d-digriet tal-Qorti ta' l-Appell tal-21 ta' April 1997 u tas-7 ta' Ottubru 1997 u tas-7 ta' April 1998 in kwantu l-istess provvedimenti ma jsegwux dak deciz fis-sentenza taghha;

(d) Bl-ispejjez bin-nofs bejn il-kontendenti.

**L-APPELL TA' L-INTIMATI**

5. B'rikors ta' appell datat id-9 ta' Gunju 2000 l-intimat Avukat Generali intavola appell quddiem din il-Qorti fejn talab it-thassir u r-revoka tas-sentenza tal-4 ta' Marzu 1999, u li thassar u tannulla s-sentenza fl-istess ismijiet tat-30 ta' Mejju, 2000, u f'kaz li din il-Qorti jidhrilha li m'ghandhiex tannulla l-imsemmija sentenza tat-30 ta' Mejju 2000, joghgobha thassarha u tirrevokaha u dan, f'kull kaz, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellata.

6. B'rikors separat ta' appell datat 15 ta Gunju 2000, l-intimati kollha l-ohra, minbarra l-Avukat Generali (gja' appellant) u Dr. Michael Grech nomine, intavolaw appell quddiem din il-Qorti fejn talbu r-revoka tas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-30 ta' Mejju 2000.

**IR-RISPOSTI TA' L-APPELLATA MARIA ROSA TABONE**

7. L-appellata Tabone intavolat zewg risposti separati ghar-rikorsi ta' appell fuq imsemmija;

(i) fid-19 ta' Gunju 2000 wiegbet ghar-rikors intavolat mil-intimati kollha barra l-Avukat Generali u Dr. Michael Grech nomine billi ssottomettiet li r-rikors t'appell kien irritu u null in kwantu gie pprezentat "fuori termine", u dan a tenur tas-subinciz (2) tar-Regolament 4 ta' l-Avviz Legali 35 tal-1993 (Rules of Court) imsejjah "Court Practice and Procedure Rules, 1993" fejn jghid li,

> “The application of appeal shall be made within eight working days from the date of the decision appealed from…..”

(ii) u fit-28 ta’ Dicembru 2000 wiegbet ghall-appell tal-Avukat Generali, u dan billi ssottomettiet li s-sentenzi appellati kienu gusti u korretti u li jimmeritaw konferma.

**ID-DECIZJONI ‘IN PARTE’ TA’ DIN IL-QORTI**

8. Minhabba n-natura perentorja ta’ l-ewwel risposta kif imsemmi supra (ara para 6(i)) moghtija mill-appellata ghar-rikors ta’ appell intavolat mill-intimati kollha minbarra l-Avukat Generali u Dr. Michael Grech nomine, hu opportun proceduralment li l-ewwel tinghata decizjoni dwar dak li gie eccepit mill-appellata billi dan jincidi direttament fuq ir-rikors ta’ appell intavolat mill-intimati appellanti eccetto l-Avukat Generali. Dan ta’ l-ahhar appell, ikun x’ikun l-ezitu dwar l-appell intavolat mill-appellanti surreferiti, jibqa’ impregudikat.

9. Illi qabel ma l-appellanti fuq imsemmija pprezentaw nota ta’ osservazzjonjiet in risposta ta’ l-eccezzjoni sollevata mill-appellata ghar-rikors t’appell taghhom, huma ghamlu sottomissjonijiet orali fejn argomentaw li dawk ir-regolamenti li gew citati mill-appellata fil-fatt ma kienux jiffurmaw parti mil-ligi tal-procedura. Dawn ir-regolamenti, sostnew, kellhom iservu biss bhala gwida. Minbarra dan, l-Avviz Legali de quo ma kienx jghid ukoll li kemm-il darba l-parti interessata ma

tkunxipprezentat appell fiz-zmien imsemmi, allura hija titlef awtomatikament id-dritt li tappella. Fi kliem iehor, ma kienx hemm terminu ghal fini ta' dezerzjoni. Trattandosi mbaghad ta' procedura ta' indole kostituzzjonali, id-dritt ta' appell ghandu dejjem jinghata u jibqa' salvagwardat.

Din il-Qorti, wara li qieset ukoll is-sottomissjonijiet tal-kontroparti appellata, ma jidhrilhiex li s-sottomissjonijiet kif fuq esposti huma legalment validi. Mehudin ad absurdum ikun ifisser allura li f'kawzi ta' natura kostituzzjonali, parti li tkun trid tappella minn decizjoni moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, tkun tista' tintavola appell meta trid, minghajr ebda terminu.

Fil-fehma tal-Qorti, darba li jirrizulta kjarament illi r-regolamenti promulgati bl-Avviz Legali 35 tal-1993 saru, u kienu proprju intizi, biex jimlew lakuna rigwardanti proceduri ta' din ix-xorta, u li tali promulgazzjoni sehhet skond il-ligijiet tal-pajjiz, igifieri il-Kostituzzjoni u l-Kodici ta' Orgnizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta), ifisser ukoll li dawn ghandhom forza ta' ligi u mhux qeghdin hemm biss bhala gwida. Ghalhekk dawn is-sottomissjonijiet orali preliminari qeghdin jigu respinti stante li huma infondati.

10. Illli wara li l-appellanti fuq imsemmija gew debitament notifikati bir-risposta ta' l-appell ipprezentata mill-appellata Tabone, huma ghaddew biex jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet sabiex jirribattu l-

eccezzjoni li r-rikors ta' appell minnhom intavolat gie pprezentat "fuori termine".

Is-sottomissjonijiet in iskritt tal-appellanti fuq imsemmija huma aktar ta' sostanza minn dawk li saru oralment. L-appellanti bdew billi ghamlu rassenja kronologika ta' l-emendi u tibdiliet li gew in vigore fil-ligi tal-procedura in konnessjoni mad-dritt ta' appell u z-zmien illi fih tali appelli jistghu jsiru. Flimkien ma' tali rassenja, l-appellanti jaghmlu numru ta' riferenzi u javanzaw certi argomenti in sostenn tat-tezi taghhom. Illi ghalhekk huwa importanti li tinzamm distinzjoni netta bejn dik li hija kronologija ta' kif gew fis-sehh dawn ir-regolamenti u t-tibdiliet ulterjuri fil-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili in forza ta' l-Att XXIV tal-1995, minn dawk li huma argumenti, asserzjonijiet u jew sottomissjonijiet interpretativi dwar l-import u effetti ta' dawn it-tibdiliet fil-ligi tal-procedura. Il-punt ewlieni tat-tezi ta' l-appellanti fuq imsemmija huwa li t-terminu ta' appell fil-kaz in ezami, u kazijiet simili ta' natura kostituzzjonali, huwa dak ta' ghoxrin gurnata mid-data tas-sentenza kif hemm provdut bl-artikolu 226 (1) tal-Kap. 12 u mhux ta' tmint ijiem , kif eccepit mill-appellata.

11. Kif tajjeb gie rilevat mill-appellanti, il-Qorti Kostituzzjonali giet imwaqqfa bl-Att XII ta' l-1964 u specifikatament, dak li llum huma l-artiklu 95 (2) tal-Kostituzzjoni. Il-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili ma kienx jipprovdi formalitajiet u/jew regoli li kellhom jithaddmu minn din il-Qorti biex jingiebu kawzi quddiemha. Din il-lakuna mtliet in

forza tar-regoli tal-Qorti maghmulin bl-Avviz Legali numru 48 tal-1964, liema regoli gew in segwitu mibdulin bl-Avviz Legali numru 35 tal-1993, citat mill-appellata.

Illi s-sub-inciz (4) ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jaghti d-dritt ta' appell minn decizjonijiet moghtijin mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili f'kawzi ta' natura kostituzzjonali  quddiem il-Qorti Kostituzzjonali minghajr pero' ma jispecifika termini ta' zmien li fih ghandu jsir dan l-appell.  Is-sub-inciz (6) ta' l-artiklu 46 pero' jghid li l-Parlament jista' jaghti dawk il-poteri addizzjonali li jkunu mehtiega biex jghinu lill-Qorti tezercita b'mod aktar effettiv l-gurisdizzjoni taghha f'kazi simili.

Importanti mbaghad huwa s-sub-inciz (7) tal-artiklu 47 tal-Kostituzzjoni li jghid li,

> "Regolamenti tal-Qorti li jipprovdu dwar il-prattika u procedura tal-Qrati ta' Malta ghall-finijiet ta' dan l-artiklu jistghu jigu maghmula mill-persuna jew awtorita' li ghal dak iz-zmien ikollha setgha li taghmel regolamenti tal-Qorti dwar il-prattika u procedura ta' dawk il-Qrati, u ghandhom ikunu mahsuba biex jigi zgurat li l-procedura ghandha tkun b'rikors u illi s-smiegh ghandu ikun b'kull heffa possibbli."

L-appellanti fuq imsemmija mbaghad, korrettement ukoll ikomplu jelaboraw li l-artiklu 95 (2) u (4) tal-Kostituzzjoni jipprovdu illi s-sub-incizi (6) u (7) tal-artiklu 46 japplikaw wkoll ghall-Qorti Kostituzzjonali.

Ghalhekk jispetta fl-ewwel lok lill-Parlament li jistabilixxi l-procedura dwar kif ghandhom jinstemghu l-kawzi kostituzzjonali kemm mill-Prim'Awla, kif ukoll mill-Qorti Kostituzzjonali. Fin-nuqqas pero, tali proceduri jew regoli procedurali tista' ssir mill-Bord tar-Regoli, kif fil-fatt sar fl-1964 bl-Avviz Legali numru 35 tal-1993 citat mill-appellata Tabone.

12. Illi l-ezistenza, komposizzjoni, funzjoni u setghat ta' dan il-Bord tar-Regoli ("Rule-Making Board") insibuhom fl-artiklu 29 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) u fost il-funzjonijiet tieghu, l-appellanti gustament isemmu dawn,

is-sub-inciz 2(d): "sabiex jaghmlu formuli li ma jinsabux f'dan il-Kodici";

u,

is-sub-inciz 2 (f): "sabiex jipprovdu dwar atti gudizzjarji u hwejjeg ta' jew li ghandhom x'jaqsmu mal-prattika u procedura li m'humiex imsemmija f'dan il-Kodici jew f'ligijiet ohra".

Imbaghad fl-istess artikolu 29 tal-Kap 12 u fit-tarf tas-sub-inciz 2 insibu li gej,

> "Izda, xejn f'dawn ir-regoli m'ghandu jkun ma jaqbilx ma' jew imur kontra d-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodici jew ta' ligijiet ohra."

13. Illi mill-ahhar parti tal-artiklu 29 (2), kif fuq citata, l-appellanti jibnu l-argoment principali tat-tezi taghhom, igifieri dak li,

"jekk issir xi emenda mill-Parlament tal-Kodici jew ligi ohra li tmur kontra xi regola maghmulha mir-Rule-Making Board, dik ir-regola tkun qeghda tigi abbrogata, sija jekk din l-abbrogazzjoni tkun saret espressament u sia jekk tavvera ruhha implicitament".

Illi, dejjem skond l-appellanti, l-emendi 'radikali' li dahlu fis-sehh fil-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili in forza tal-Att XXIV tal-1995 kellhom l-effett li "l-maggor parti tar-regola maghmulha mir-Rule-Making Board bl-Avviz Legali 35 tal-1993, gew inkorporati fil-Kodici b'mod illi wiehed jista' jghid illi dawn gew prattikament assorbiti mill-Kodici tal-Procedura kif inhu llum". Anzi, l-appellanti jmorru ferm oltre u jissottomettu li bl-imsemmi Att XXIV tal-1995, l-artiklu 226 (1), in sostituzzjoni ta' dak li kien hemm qabel, "stabilixxa perijodu wiehed ghall-appelli kollha li jistghu jsiru minghajr distinzjoni ta' ebda qorti".

Din il-Qorti, wara li ezaminat l-artiklu 226 tal-Kap 12 citat mill-appellanti, hija tal-fehma li ghalkemm huwa minnu li d-dicitura adoperata f'dana l-artiklu 226 hija generika hafna u ma tiddistingwix bejn qorti u ohra, fl-istess waqt tirrileva li minn imkien ma jirrizulta li tissemma' espressament abbrogazzjoni ta' dawn ir-regolamenti gja' mqeghda fis-sehh mill-Bord tar-Regoli in kwantu jikkoncerna appelli li jsiru fi proceduri kostituzzjonali minn decizjonijiet moghtijin mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghal quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Konxji ta' dan kollu, l-appellanti jasserixxu b'mod gratuwitu li bl-emendi promulgati tal-Att

XXIV tal-1995 kif inkorporati fl-artiklu 226 tal-Kap 12 kien ifisser li dawk ir-regoli godda fil-Kodici jmorru “kontra xi regola maghmulha mir-Rule-Making Board, dik ir-regola tkun qeghda tigi abbrogata, sia jekk din l-abbrogazzjoni tkun saret espressament u sia jekk tavvera ruhha implicitament”.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti, meta gie fis-sehh l-Att XXIV tal-1995 ma kienx hemm ghalfejn li jigu specifikati dawk it-termini ghal fini ta’ appell riferibbilment ghall-Qorti Kostituzzjonali, u dan ghaliex gja’ kien hemm fis-sehh regoli maghmulin appozitament mill-Bord tar-Regoli, kif sancit mill-istess Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili. L-argoment tal-appellanti kien ikun wiehed validu u jregi li kieku tabilhaqq kellu jirrizulta – li mhux il-kaz, ghalkemm l-appellanti hekk jissottomettu – li bl-emendi godda fil-Kodici ta’ Procedura, gew promulgati regoli li jmorru bil-kontra ta’ dawk ir-regoli li jirreferu ghall-Qorti Kostituzzjonali u li kienu saru mill-Bord tar-Regoli in forza tal-Avviz Legali 35 tal-1993. Fil-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti m’hemm l-ebda inkongruwenza jew kontradizzjoni bejn ir-regoli li ghandhom jithaddmu riferibbilment ghal proceduri ta’ appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali minn dawk applikabbli u li gew imqeghda fis-sehh riferibbilment ghall-qrati ordinarji f’kawza civili li m’humiex ta’ indole kostituzzjonali. Darba li l-lakuna procedurali rigwardanti appelli minn decizjonijiet f’kawzi kostituzzjonali kienet giet rimedjata kif titlob il-ligi, ma kien hemm ebda htiega li jsiru distinzjonijiet ulterjuri fil-Kodici ta’ Procedura. Bil-fatt li sehhew emendi

li biddlu t-termini, ghal fini ta' appell, li jirregolaw il-qrati ordinarji, ma kienx ifisser ukoll li tali emendi kellhom jiehdu post dawk riferibbli ghall-proceduri quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Ir-regoli li kienu saru mill-Bord tar-Regoli ma kienux imorru kontra dak li tqieghed fis-sehh bl-Att XXIV tal-1995. Anzi l-fatt li dawk ir-regoli maghmulha mill-Bord tar-Regoli kienu jispecifikaw terminu iqsar minn dak li gie stabbilit fil-Kodici ta' Procedura ghall-kawzi ordinarji kien jaqbel perfettament ma' dak li riedet il-Kostituzzjoni, u cioe, ara artiklu 46 (7) surreferit, li tali regoli koncernanti kawzi u proceduri kostituzzjonali

> "…. ghandhom ikunu mahsuba biex jigi zgurat li l-procedura ghandha tkun b'rikors u illi s-smiegh ghandu jkun b'kull heffa possibbli".

Illi lanqas jaghmel allura sens li tigi abbrogata regola b'mod awtomatiku u implicitu, u li jkollha l-effett li tirrendi proceduri kostituzzjonali itwal ghall-fini ta' appell. Bil-fatt, imbaghad li hemm terminu mod ghal fini ta' appell f'kawzi ordinarji minn decizjonijiet moghtijin mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili quddiem il-Qorti ta' l-Appell u terminu iqsar ghal dak li jikkoncerna appelli quddiem il-Qorti Kostituzzjonali minn decizjonijiet moghtijin mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili f'kawzi Kostituzzjonali dan per se' ma jammontax ghal regoli li huma kontrarji ta' xulxin. Ifisser, invece, li hemm regoli differenti, u li d-distinzjoni bejniethom fil-fatt taghmel ukoll sens ghax il-Kostituzzjoni stess hekk riedet. Li kieku l-Parlament

ried jabbroga r-regoli maghmulin mill-Bord tar-Regoli seta' facilment qal dan fl-emendi li tqeghdu fis-sehh, imma minn dan ma hemm xejn.

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni sollevata mill-appellata Maria Rosa Tabone, tiddikjara irritu u null ir-rikors ta' appell intavolat mill-intimati kollha barra l-Avukat Generali u Dr. Michael Grech nomine, stante li dan gie pprezentat "fuori termine", u tordna ghalhekk l-isfilz tal-imsemmi rikors ta' appell mill-atti tal-kawza, bl-ispejjez relativi kontra l-imsemmija intimati; u peress li l-appell intavolat mill-intimat Avukat Generali baqa' impregudikat, tiddiferixxi l-kawza ghat-trattazzjoni ta' dan l-appell.

Dep/Reg

cb